**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 29/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jonathan Degiorgio**

Illum 14 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jonathan Degiorgio**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 326285(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talli fil-lejl tas-26 ta' Awwissu 2018 f'xi ħin bejn 8.00p.m. u 10.00p.m. minn ġewwa residenza bl-isem ta' 'St. Joseph', Triq il-Knisja, Nadur, Għawdex u/jew f'dawn il-Gżejjer:

1. ikkommetta serq ta' flus kontanti li valur tagħhom jaqbeż aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda inqas minn elfejn, tliet mija u disgħa

u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Carmel Bigeni u l-familja tiegħu, liema serq huwa aggravat bil-ħin, bil-mezz, bil-lok u bil-persuna;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-dannu ta' Carmel Bigeni u l-familja tiegħu, liema ħsara hija iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250);

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 20, 31, 49, 50, 289, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2), 281(a)(b), 284, 285, 289 u 325(1)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u minnhom illiberatu, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatu tliet (3) snin priġunerija. L-Ewwel Qorti, wara li rat Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat iħallas nofs l-ispejjeż peritali li jammontaw għal elfejn, mija u wieħed u sittin Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€2161.64) u b'hekk kellu jħallas l-ammont ta' elf u tmenin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€1080.82) fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza. Wara li rat Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta moqri flimkien ma' Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-ħati jħallas lura fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza lil Carmel Bigeni nofs l-ammont ta' elf u tliet mitt Euro (€1300). L-Ewwel Qorti qieset li din l-ordni għandha l-istess forza u effett u hija eżegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-parte leża Carmel Bigeni. Finalment, wara li rat

Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat li l-vettura tal-għamla Peugeot EBU 192, li kienet fil-pussess tal-imputat fil-ġurnata tas-serqa, tiġi konfiskata u tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "*tilqa' dan l-appell, billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata u dana billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *in kwantu ma sabitux ħati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni li minnhom illiberatu,* ***TĦASSARHA U TIRREVOKAHA*** *in kwantu sabet lill-appellanti ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni u b'hekk* ***TIDDIKJARAH*** *mhux ħati tagħhom u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minnhom u minn kull ħtija u piena; u fin-nuqqas ta' dan* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel ma tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li meta l-appellant Degiorgio ġie mixli bl-imputazzjonijiet relatati ma' dan il-każ huwa kien tressaq taħt arrest fil-Qorti ta'

Għawdex flimkien ma' imputat ieħor bl-isem ta' Juanito Jimenez. Il-proċeduri fil-konfront tal-appellant u Juanito Jimenez baqgħu jinstemgħu flimkien sakemm fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 459) l-Ewwel Qorti ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju bejn iż-żewġ persuni in kwistjoni u dana peress li l-appellant Degiorgio ma setax jinstab u anqas baqa' jiffirma l-Għassa tal-Pulizija. Eventwalment l-appellant Degiorgio nstab u deher il-Qorti u l-proċeduri fil-konfront tiegħu tkomplew quddiem l-istess Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fis-26 ta' Awwissu 2018 għall-ħabta tal-11.15pm il-Pulizija tar-Rabat ġewwa Għawdex irċevew telefonata mingħand il-*parte civile* fejn dawn ilmentaw li xi ħadd kien daħal id-dar tagħhom. Il-*parte civile* ilmentaw li kienu nsterqulhom xi flejjes fejn parti minnhom wara xi żmien instabu fil-ġlekk tal-*parte civile* u għalhekk l-ammont li finalment insteraq kien dak ta' elf u tliet mitt Euro (€1,300).

Illi jirriżulta li dakinhar tas-26 ta' Awwissu 2018 il-*parte civile* kienu ħarġu mid-dar tagħhom għall-ħabta tas-7.15pm u marru l-festa ta' Għajnsielem. Jingħad li huma u sejrin għal din il-festa nnutaw vettura lussuża bajda li kienet qed timmanuvra iżda ma tawx każ mill-ewwel. Biss pero' innutaw parti minn numru ta' reġistrazzjoni ta' din l-istess vettura u li meta għal xi l-11.00pm is-sinjuri Bigeni marru lura d-dar huma nnotaw li l-bieb ta' barra, li kien tal-aluminju, kien sgassat. Peress li fit-triq tad-dar tal-*parte civile* ma kienx hemm CCTV *cameras*, il-Pulizija daru mal-madwar u nnutaw xi *cameras* u elevaw il-filmati neċessarji li minnhom ġiet innutata Mercedes bajda ddur fl-akkwati tad-dar tal-*parte civile*. Minbarra dan persuna li kienet għaddejja quddiem id-dar tal-*parte civile* nnutat żewġt irġiel ħerġin mill-parapett tad-dar. Waqt is-seduta tal-4 ta' Settembru 2018 (*a fol.* 48 *et seq.*) Roderick Vella xebbaħ wieħed mill-persuni li kien ħiereġ mid-dar tal-*parte civile* dakinhar tas-serqa mal-imputat l-ieħor.

Illi wara tfittxija madwar Għawdex il-vettura bajda lussuża tal-għamla Mercedes instabet u l-Pulizija ma sabu xejn fiha wara li għamlu tfittxija fiha. Meta l-appellant u sħabu ġew arrestati,

fuqhom instabu flus kontanti u sadanittant il-vettura tal-għamla Peugeot tal-appellant ittieħdet il-garaxx tal-Pulizija.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq is-segwenti aggravji:

- l-ewwel aggravju huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi prodotti quddiemha;

- it-tieni aggravju huwa li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi;

- it-tielet aggravju huwa li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija xi ftit jew wisq eċċessiva.

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar apprezzament ħażin tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti. Qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti

> ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti xorta għamlet analiżi tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u tinnota li fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant iqajjem is-segwenti:

- Fin-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija hemm indikat li x-xhud Roderick Vella kien il-persuna li għaraf l-akkużat waqt illi fix-xiehda mogħtija mill-istess persuna fl-4 ta' Settembru 2018 kkontradixxa dan bis-sħiħ.

- Meta x-xhud Vella ntalab jgħid jekk jagħrafx lil xi ħadd fl-awla huwa qal li ma setax jgħid minħabba li meta għadda minn quddiem id-dar tal-*parte civile* kien id-dlam u huwa kien qed jsuq.

- Dwar il-flus li nstabu fuq l-appellant huwa jilmenta li meta tgħodd il-flus kollha li kellhom fuqhom l-arrestati dawn kienu jeċċedu s-somma ta' elf u tliet mitt Euro (€1,300).

- Dwar il-kont tal-ikla, l-Uffiċjal Prosekutur jgħid li din kienet ta' tliet mitt Euro (€300) iżda meta xehed sid ir-restorant dan qal li kienet fuq il-mija u ħamsin Euro (€150).

- Ma hemm xejn x'jorbot lill-appellant mar-reat in kwistjoni.

- Bejn it-7.44pm u d-8.38pm tas-26 ta' Awwissu 2018 il-*mobile* tal-appellant kien imqabbad mas-*cell phone tower* tax-Xewkija.

- Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova xjentifika li torbot lill-appellant mar-reat u li l-vettura tal-appellant ma tidhirx mill-filmati miġbura mis-CCTV.

- Il-*parte civile* mhux konsistenti minħabba li biddlu l-verżjoni tagħhom rigward l-ammont ta' flus misruqa.

Illi l-Qorti ser tikkunsidra dak elenkat hawn fuq wieħed wieħed pero' mhux ser issegwi l-ordni li fih ġew imniżżla.

Dwar il-kont tal-ikla, l-Uffiċjal Prosekutur jgħid li din kienet ta' tliet mitt Euro (€300) iżda meta xehed sid ir-restorant dan qal li kienet fuq il-mija u ħamsin Euro (€150).
Illi din il-Qorti tinnota li mill-Process Verbal jirriżulta li mix-xiehda mogħtija minn John Azzopardi fl-1 ta' Settembru 2018 (*a fol.* 370 *et seq.*) ix-xhud jgħid li l-kont kien aktar minn tlitt mitt Euro (€300). Waqt ix-xiehda tiegħu mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fit-22 ta' Novembru 2018 (*a fol.* 246 *et seq.*) l-istess xhud jgħid li l-ikla kienet iktar minn mija u ħamsin Euro (€150). Strettament fit-tieni xiehda huwa ma jmerix dak li qal lill-Pulizija. B'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li dan il-punt mhux mistħoqq.

Bejn it-7.44pm u d-8.38pm tas-26 ta' Awwissu 2018 il-*mobile* tal-appellant kien imqabbad mas-*cell phone tower* tax-Xewkija.
Illi mir-rapport ippreżentat (Dok. "JM 1" – *a fol.* 138 *et seq.*) redatt minn Jonathan Mizzi jirrizulta li bejn 19.10.43 tas-26 ta' Awwissu 2018 sa 19.11.26 ta' l-istess ġurnata l-*mobile* tal-appellant kien qiegħed fil-viċinanzi tad-dar tal-*parte civile,* waqt li mill-19.44.28 tal-istess ġurnata sat-20.38.32 il-*mobile* tal-istess appellant kien lokalizzat fil-viċinanzi tax-Xewkija.

Illi mix-xiehda mogħtija minn Roderick Vella quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 48 *et seq.*) jirrizulta li huwa ra żewġt irġiel ħerġin mill-parapett tal-*parte civile* madwar id-8.55pm. Dan ifisser li jekk il-*mobile* kien fuq l-appellant, l-appellant seta' kellu sbatax (17) il-minuta biex mix-Xewkija jmur in-Nadur jisgassa d-dar u jagħmel dak li qed jiġi allegat li għamel. Għalhekk fil-fehma ta' din il-

Qorti dan il-punt m'huwiex konklussiv u konsegwentement minkejja dan l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

Il-*parte civile* mhux konsistenti minħabba li biddlu l-verżjoni tagħhom rigward l-ammont ta' flus misruqa.
Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa argument fieragħ. Din il-Qorti ma tikkunsidrax li l-fatt li l-*parte civile* kkorreġiet ruħha rigward l-ammont misruq inaqqas mill-kredibbilita' tagħha. Anzi dan jista' jagħti aktar piż lill-verżjoni tagħha minħabba li wriet li mhux interessata tigdeb biex takkwista xi ħaġa. Għalhekk dan il-punt ser jiġi miċħud u tenut kont ta' dan din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja li l-*parte civile* kkorreġiet ruħha l-Ewwel Qorti setgħet xorta raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

Dwar il-flus li nstabu fuq l-appellant huwa jilmenta li meta tgħodd il-flus kollha li kellhom fuqhom l-arrestati dawn kienu jeċċedu s-somma ta' elf u tliet mitt Euro (€1,300).
Illi din il-Qorti qieset fit-tul dan il-punt fejn l-appellant jilmenta li meta jittieħed in konsiderazzjoni l-ammont ta' flus li kellhom fuqhom il-persuni li kien magħhom dan jaqbeż l-ammont ta' elf u tlitt mitt Euro (€1,300). Dwar dan il-punt din il-Qorti tfakkar li Roderick Vella ra żewġ persuni ħerġin mid-dar tal-*parte civile*. Għalhekk ma jagħmilx sens li wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-flejjes kollha li kellhom fuqhom il-persuni li kienu miegħu meta ġie arrestat.

Illi stabbilit dan din il-Qorti tinnota għalhekk li l-ammont li kien f'idejn l-appellant u l-imputat l-ieħor kienu anqas mill-ammont li nsteraq. Din il-Qorti kkunsidrat li fl-atti proċesswali hemm *statement* tal-kont bankarju tal-appellant (*a fol.* 187) fejn jirriżulta li bejn l-10 ta' Awwissu 2018 u l-25 ta' Awwissu 2018 l-appellant kien ġibed tmien mija u sebgħin Euro (€870). Din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-ammont mhux wieħed żgħir u li nġibed fi żmien ġimgħatejn u viċin id-data tas-serqa.

Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li hemm dubju raġonevoli li l-flus li nstabu fuq l-appellant mhux neċessarjament ġew mis-serqa. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti tikkunsidra li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest li l-flus li nstabu fuq l-appellant kienu l-flus misruqa.

Fin-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija hemm indikat li x-xhud Roderick Vella kien il-persuna li għaraf l-akkużat waqt illi fix-xiehda mogħtija mill-istess persuna fl-4 ta' Settembru 2018 kkontradixxa dan bis-sħiħ.

Meta x-xhud Vella ntalab jgħid jekk jagħrafx lil xi ħadd fl-awla huwa qal li ma setax jgħid minħabba li meta għadda minn quddiem id-dar tal-*parte civile* kien id-dlam u huwa kien qed jsuq.

Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova xjentifika li torbot lill-appellant mar-reat u li l-vettura tal-appellant ma tidhirx mill-filmati miġbura mis-CCTV.
Illi l-Qorti ser tisħarreġ dawn it-tliet punti flimkien u tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 522):

> "Fl-istess filmat, jidhru din il-vettura flimkien mal-vettura Peugeot EBU 192 li tissemma mill-*parte civile* fix-xhieda tagħhom."

Illi ftit qabel fl-istess sentenza l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 522):

> "Ipparkjata ħdejn il-vettura XII, il-Pulizija sabu wkoll vettura Peugeot Partner: skont ix-xhieda ta' **Kurt Scicluna**, il-persuna li kellha din il-vettura rreġistrata fuq isimha, jirriżulta li din kienet inxtrat mill-imputat odjern għalkemm huwa kien naqas milli jittrasferiha għal fuq ismu. Il-*parte civile* għaraf din il-Peugeot Partner, meta din kienet qed tinżamm fil-garaxx tal-Pulizija, bħala l-vettura skura li kienet waqfet ħdejn il-vettura XII qrib id-dar tiegħu, meta ra liż-żewġ

> sewwieqa ta' dawn il-vetturi jitkellmu ma' xulxin." [emfażi miżjuda]

Illi x'aktarx li l-Ewwel Qorti ħadet żball fuq dan il-punt minħabba li l-vettura tal-għamla Peugeot Partner hija ta' kulur abjad u mhux griż. Dan jirrizulta kemm mid-deskrizzjoni tad-dettalji dwar din il-vettura (*a fol.* 76 *et seq.*) kif ukoll mir-ritratti li hemm fl-atti proċesswali (Dok "BS 1" - *a fol.* 406, 407 u 408).

Illi huwa minnu wkoll li l-Prosekuzzjoni ma sabet l-ebda prova li tpoġġi lill-appellant ġewwa d-dar tal-*parte civile*. Minbarra dan fix-xiehda mogħtija minn Roderick Vella (*a fol.* 48 *et seq.)*, l-aktar li jasal huwa li xebbaħ wieħed minn nies li kienu ħerġin mid-dar tal-*parte civile* bħala Juanito Jimenez. Jingħad ukoll li fid-depożizzjoni tiegħu Carmel Bigeni (*a fol.* 53 *et seq.*) irrikonoxxa lis-sewwieq tal-Mercedes bajda bħala Juanito Jimenez. Iżda mkien fl-atti proċesswali ma ġie identifikat l-appellant.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Spacey** (Numru 129/2001) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Fi kliem ieħor, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li sabet ħtija għal dak li jirrigwarda l-ewwel tlett imputazzjonijiet hija *"unsafe and unsatisfactory"*. Kif din il-Qorti kellha l-okkażjoni li tfisser fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **The Police v. Michael John Turner**,
>
> > "As was explained by Lord Chief Justice Widgery in *R. v. Cooper* [1969] 1 QB 276 (in connection with a provision of English statutory law, s. 2(1)(a) of the Criminal Appeal Act, 1968[1]), assuming there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court

[1] Qabel l-emendi inrodotti f'dik il-liġi bil-*Criminal Appeal Act, 1995.*

> will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case, with the conclusion of the learned magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the Court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed (see also, Blackstone's Criminal Practice (1991), p. 1392). This principle is in practice applied also by this Court."[2]"

Illi għalhekk tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li minbarra l-fatt li l-appellant kien fil-viċinanzi tad-dar tal-*parte civile* għal ħabta tas-7.10pm ma hemmx provi oħra li b'xi mod twassalha sabiex tqis li l-appellant fil-fatt kien ħa sehem fis-serqa in kwistjoni. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest l-involviment tal-appellant fis-serqa.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** (Numru 179/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "13. Mill-premess, għalhekk, ma tirriżultax dik il-katina ta' ċirkostanzi univoċi li jista' jingħad li iżolatament jew komplessivament jorbtu lil xi ħadd mill-imputati inevitabilment u inekwivokabilment max-xena tad-delitt jew xort'oħra mal-kummissjoni tiegħu. Il-fatt li r-

[2] Ara wkoll ***Archbold – Criminal Pleading, Evidence, and Practice 2001*** (Sweet & Maxwell), para. 7-47 sa 7-49, paġni 916 u 917.

relazzonijiet bejn Booth u l-imputati setgħu ma kienux tajbin u li Booth kienet oġġezzjonat mal-awtoritajiet li jiġi sanzjonat xi bini fil-proprjeta' tal-imputat ma joħolqux dik il-konkatenazzjoni meħtieġa sabiex inekwivokabilment jorbtu lill-imputati mal-kommissjoni tar-reat u ma humiex suffiċjenti sabiex jikkolmaw il-vojt fil-provi tal-prosekuzzjoni sabiex jiġġeneraw il-grad tal-prova oltre d-dubbju raġonevoli. In kwantu għall-evażivita' tal-imputat meta mistoqsi dwar il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u aspetti oħra tax-xiehda dawn jistgħu iwasslu sabiex l-imputat ma jingħatax affidament f'dawk l-aspetti tad-depożizzjoni tiegħu, u sabiex dawn jiġu skartati, iżda l-vojt fil-provi li jinħoloq b'dan il-mod ma jistax jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni tal-ħtija tal-imputati fil-grad għoli rikjest mil-liġi.

14. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif jemerġu mill-provi inklużi dawk li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u ċioè li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-prosekuzzjoni, iżda prova sa dan il-grad ma hix biżżejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad u li ġie kkwotat hawn fuq u għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija l-Qorti ser tilqa' l-aggravju in eżami. Konsegwentement ma hemmx ħtieġa li l-Qorti tikkunsidra l-aggravji l-oħra mressqa fir-Rikors tal-appell tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Jonathan Degiorgio u tirriforma s-sentenza appellata billi

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie misjub ħati ta' l-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u tħassar u tirrevoka wkoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie kkundannat tliet (3) snin priġunerija u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' l-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas nofs l-ispejjeż peritali;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie ordnat iħallas lura fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza lil Carmel Bigeni nofs l-ammont ta' elf u tliet mitt Euro (€1300);

- tħassar u tirrevoka wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura tal-għamla Peugeot EBU 192.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**